# ĠERUSALEM FI ŻMIEN KRISTU

Biex tifhem sewwa xi ġrajja, trid l-ewwel tagħraf l-imkien u ż-żmien li fihom ġrat. Għalhekk biex tifhem sew il-ġrajja tal-Mewt ta' Ġesù, trid tagħraf l-ewwel kif kienet Ġerusalem fiż-żmien ta' dik il-ġrajja.

Ġerusalem mibnija fuq żurżieqa ta' għolja, tħares lejn ix-Xerq, bejn żewġ widien. Għalhekk, Ġerusalem hi xemxija fil-għodu u dellija wara nofs in-nhar. Iż-żewġ widien li qegħda f'nofshom, huma: il-Wied ta' Ġeħenna, fuq il-Qibla, jew *sud,* li jdur ukoll lejn ix-xerq; u l-Wied ta' Kidron taħt is-sur tal-Ħakel, jew *Tempju,* bejnu u bejn il-Ġetsemni u Ġebel iż-Żejtun. Dawn iż-żewġ widien jingħaqdu f'wied wieħed li jibqa' sejjer lejn il-Baħar il-Mejjet bħal ħafna oħrajn.

Il-ħtija li nbniet Ġerusalem kienet għajn ta' l-ilma. Għax l-ewwel djar inbnew ħada naqra ta' ħofra bl-ilma ġieri, ġewwa l-wied (igħidulha Għajn Silwan, u għadha hemm sal-lum), imma ħadd ma jaf kif inbniet u meta. U ħaġa ta' l-għaġeb kif kibret, għax m'hemm ebda ħajr in-naħa tagħha. Nixfa u art mielħa kull imkien. In-nies li bnewha kienu Qangħanin, u l-isem li tawha kien Uru-Xalim. David ħadha minn idejhom xi elf sena qabel Kristu.

Fi żmien Ġesù, Ġerusalem kienet laħqet kibret sewwa. Dak iż-żmien kienet imqassma, biex ingħidu hekk, f'erbgħat ishma: il-belt ta' fuq, igħidulha Sijon, b'ħafna djar sbieħ u ġonna; il-belt t'isfel, li kienu jgħidulha Ofla, qrib il-bir ta' l-ilma ġieri li semmejt, li kien fiha xi djar sbieħ u ġonna, u griebeġ tal-ħaddiema wkoll; il-Ħakel, jew *Tempju,* li kien għadu kemm kabbru Erodi u sebbħu mhux ftit. U fl-aħħar, fir-rokna ta' bejn il-Ħakel u Sijon, kienu nbnew qatiegħ djar żgħar u griebeġ, ngħidu aħna bħal Mandraġġ ta' Ġerusalem. Dawn, wara żmien, dawwarhom b'sur Eżekija, Sultan il-Lhud. Mela dawn huma l-erbgħat ishma li kien fiha fi żmien Kristu Ġerusalem, u li trid iżżommhom quddiem għajnejk, biex tifhem il-ġrajjiet ta' l-aħħar jiem ta' ħajtu.

Sijon kienet il-ħâra tal-għonja. Hemm kienu jinsabu djar sbieħ u ġonna. Hemm fuq kollu d-dar il-Qassis il-Kbir tal-Lhud (qisu l-Papa tagħhom). Hemm, qrib id-dar tal-Qassis sewwa, kien joqgħod xi wieħed għani, li l-Evanġelisti ma riedux isemmu ismu, li fil-għorfa tiegħu għamel l-aħħar għaxa Ġesù. U dik in-naħa kien hemm ukoll ġonna kbar, u qrib tagħhom kien hemm wieħed mill-bwieb tal-belt li kien jismu Bab Ġennât, jiġifieri Bieb il-Ġonna. Ftit 'il fuq minn dan il-bieb kien hemm id-dejr, kbir u sabiħ, li kien bena għalieh in-nifsu Erodi, biex jgħammar fih.

Il-lum ma tistax taf kif kienu t-toroq ta' dik il-qalba tal-belt. Il-lum, fejn kienu jgħidulu Sijon qiegħed biċċa 'l barra mis-swar u biċċa 'l ġewwa. Il-biċċa ta' ġewwa issa kollha djar, u ma tistax tħaffer taħthom; u l-biċċa ta' barra mgħottija bil-egħlieqi jew b'għaram ta' ġebel u żrar, li min jaf kemm trid eluf ta' liri u żmien biex tħammilhom. Imma li kien hemm toroq u djar sbieħ huwa magħruf, għax kull fejn iħaffru biex jibnu, dejjem isibu toroq iċċangati u qiegħan ta' djar bil-mużajk. Is-swar ta' Sijon jafu sewwa kif kienu għaddejin, għax xi mitt sena ilu kienu ħaffru u mxew magħhom minn taħt l-art l-Ingliżi, u ma batewx u ħallsu flus ftit.

Fejn jgħidulu Ofla kien hemm mis-

raħ kbir imsemmi Xistus, li aktarx li kien bis-siġar fuq il-ġnub. Ġewwa fih kienu jitħarrġu s-suldati għall-ġlied u jagħmlu t-tiġrijiet. U qtil ukoll kien isir fih. Għax wieħed Ħakem ta' Ġerusalem, Xandru Jannew, darba, sallab tmien-mitt raġel f'nhar wieħed, aktarx li ġewwa fih. U biex ngħidu din ukoll, kif kienu msallba, qabel ma mietu, ġieb quddiemhom lil marthom tus kien hemm dar sabiħa jgħidulha Dar is-Sultan. Mas-sur is-sur kienu joqogħdu ħafna ħaddiema, l-aktar minnhom jagħmlu l-ġarar u l-borom, u dan. Għax il-bieb li kien hemm dik in-naħa kien jismu Bieb il-Fuħħarin, jiġifieri ta' dawk li jagħmlu l-fuħħar. Minn hawn għall-belt ta' fuq, Sijon, kien hemm taraġ wiesa', li biċċa minnu kixfuha ma ilhomx wisq. Imma




**MAPPA TA' ĠERUSALEM FI ŻMIEN KRISTU.**
**(1) Iċ-Ċenaklu; (2) Id-dar ta' Kajfa; (3) Is-Sanhedrin; (4) Il-Menqa ta' Eżekija; (5) Id-dar tal-Makkabin; (6) Il-Fortizza Antonja; (7) Il-Menqa tal-Għul; (8) Il-Menqa l-Qadima; (9) Il-Menqa ta' Silwan; (10) Il-Menqa tan-Nagħaġ.**

u lil uliedhom u ġiegħel li jaqtgħulhom griżmejhom, bħal meta joqtlu l-ħrief. Ara x'kefrija ta' nies! Ftit 'il fuq mill-Xistus kien hemm id-dar tal-Makkabijin; u mill-Ħakel għal-Xistus kien hemm pont, jaqsam Wied il-Ġebbiena, li ħnejja minnu għadha tidher sal-lum.

Ma' ġenb il-Ħakel, wara dan il-Xistus kien hemm dar sabiħa... anqas hawn ma tista' taf sewwa l-belt kif kienet, għax kull imkien mgħotti bir-radam.

Għedna li fuq Sijon kien hemm id-Dejr li bena Erodi. Minn dak id-Dejr għal Ħakel kien hemm sur, qadim għall-aħħar, mibni fuq xifer ta' wied żgħir. Dan is-sur għadu hemm sal-

lum, taħt il-bini, u jidher kemm il-naħa. Jidher ukoll fih biċċa minn bieb qadim. Jgħidu li aktarx kien Bieb il-Ħadid, li jissemma fl-Atti tal-Appostli, li minnu għadda San Pietru meta l-Anġlu ħelsu mill-ħabs.

Semmejna wkoll il-Ħakel. Dan kien witgħa kbira, imdawwra bis-swar minn barra u bil-loġoġ jew portki minn ġewwa. Mad-dawra kollha, bitħa li kien fil-kamra ta' ġewwa ħadd ma kien jista' jidħol għajr il-Qassis il-Kbir, darba fis-sena. Taħt il-loġoġ li semmejna, fil-bitħa ta' barra, kienu jiltaqgħu kull xorta ta' nies, u hemmekk qagħad jgħallem Sidna Ġesù għall-erbgħat ijiem mill-ġimgħa li dam Ġerusalem qabel ma sallbuh. Fl-aħħar, barra missur, fuq il-Wied ta' Kidron, kien hemm għadd ta' ħwienet, li minnhom min



**BAB IL-GĦAMUD, U BIĊĊA MINN ĠERUSALEM.**

**Fir-ritratt, fuq ix-xellug, tidher triq li tieħu għan-naħa tal-koppla, wara l-kanpnar it-twil. Ma' tul dik it-triq kien għaddej is-sur fi żmien Kristu. Ħdejn il-kanpnar it-twil, kien jagħmel rokna u fdur lejn il-lemin. Il-Kalvarju u Qabar (taħt iż-żewġ koppli, f'nofs ir-ritratt) kien barra mis-sur, ġewwa dir-rokna.**

jista' jidħol fiha kull ħadd, Lhud u m'humiex. Wara dan, minn bieb kbir daqsiex, tgħaddi għal bitħa tan-nisa. Aktar il-ġewwa kien hemm żewġ btieħi oħra, il-btieħi tal-Lhud irġiel. Aktar il-ġewwa mbagħad l-artal tal-ħruq, f'nofs il-bitħa tal-qassisin. Imbagħad, quddiem l-artal, żewġ kmamar mudlâma, waħda tinfed għall-oħra, jgħidulhom Qaddis tal-Qaddisin, li kien ikun dieħel il-Ħakel kien isib jixtri kull ma jrid.

Baqa' nsemmu dak is-sehem tal-belt li l-aktar irridu nafu fuqu: dik in-naħa li kien fiha l-blata tal-Kalvarju li fuqha sallbu lil Sidna Ġesù.

Kif għedna qabel, fir-rokna tal-belt, bejn Sijon u l-Ħakel, kienu nbnew raxxa djar u s-sultan tal-Lhud Eżekija kien għalaqhom b'sur. Dan is-sur kien

jibda mill-Bieb tal-Ġonna, ħdejn id-Dejr t'Erodi, fuq Sijon, jinżel lejn il-Ħakel, u nofs triq, idur lejn ix-Xmiel. Meta jasal bi swit il-Fortezza Antonia (li kienet fuq ir-riħ tal-Ħakel, biex is-suldati Rumani jgħassu l-Ħakel minn ġewwa fiha), jarġa' jdur 'l isfel u jaqbad mas-sur tagħha, kif jidher fil-pjanta li ġibna. Fir-rokna li kien hemm fejn għedna nofs triq, kien hemm bieb tal-Belt u ħdejh *kwartier* tas-suldati. Quddiem dal-bieb kien hemm witgħa kennija (qisu dak il-foss li hemm quddiem il-bieb tal-Griegi barra l-Imdina, imma akbar), li fiha kienu jagħmlu bħal suq. Ibiegħu qamħ u xgħir, bhejjem u tjur. F'nofs dik il-wetgħa kien hemm (u għadha hemm) blata għolja xi ħmistax-il xiber, igħidulha l-Golgol. Fuqha, f'nofs is-suq, sallbu lil Ġesù, biex jarah kulħadd.

Din il-wetgħa għadha hemm sal-lum. In-naħa ta' l-Għarb (il-*west*) tagħha, (il-lum taħt triq, jisimha Ħaret in-Nasara) hemm blat għoli, maqtugħ. Billi tiġi bi swiet il-Ħakel, (kif tidher ukoll fil-pjan) u ogħla minnu, jagħtik x'taħseb li dik il-wetgħa saret billi qatgħu l-ġebel minn hemm għall-bini tiegħu, għax minn hemm, il-ġebel li kienu jaqtgħu kienu jistgħu jgerbuh lejn il-Ħakel bi ftit taħbit. Santa Liena bniet f'din il-wetgħa żewġ knejjes: tal-Martyrion, fuq il-Bir fejn sabet is-Salib, u ta' l-Anastasis, fuq il-Qabar ta' Kristu.

* * *

Dan hu ħjiel żgħir ta' kif kienet Ġerusalem, il-Belt Imqaddsa, fi żmien Kristu. Ħjiel ħafif, imma għalina hu biż-żejjed, biex il-Ġrajja tal-Mewt ta' Sidna Ġesù nifhmuha aħjar.

Fra TUMAS, O.F.M.

---

# ~~IL-ĦAQQ TAL-QADI GĦARBI~~

~~Kien hemm wieħed Xejħ tal-Għarab, għani ġmielu (u biex ngħidu din ukoll, kien jismu: Imħammed Maħmud Jusef Taħa Ħafeż id-Din il-Għażâwi) li kellu tliet uliedu subjien. Dana ġie biex imut u għajjat lil uliedu u qalilhom li sa jħallihom b'wirt is-sbatax-il żiemel li kellu, u li kellhom jaqsmuhom bejniethom u ma jbiegħuhomx. Nofs iż-żwiemel jieħu l-iben il-kbir; mit-tlieta wieħed, jieħu l-fustani; u żiemel minn kull disgħa, jieħu ż-żgħir.~~

~~Miet ix-Xejħ, u meta wliedu ġew biex jaqsmu ż-żwiemel, sabu li jagħmlu kif jagħmlu, iż-żwiemel ma setgħux jinqasmu. Għax nofs is-sbatax hu tmien żwiemel u nofs; it-tilt ta' sbatax, hu ħamsa u biċtejn minn tliet biċċiet ta' żiemel; u wieħed minn kull disgħa ta' sbatax, hu żiemel sħiħ u tmienja minn disa' biċċiet ta' żiemel. Issa jibiegħuhom ma setgħux, għax missierhom kien menagħhom, u kienet tkun bluha li toqtol żiemel u tieħu l-biċċiet tiegħu. Għalhekk marru l-Qorti u resqu quddiem il-Qâdi biex jara kif jista' jsewwi l-biċċa hu.~~

~~Il-Qâdi meta sama' x'kienet ix-xogħla, tħawwad. Imma ma qatax qalbu. Qalilhom imorru d-dar u jerġgħu jiġu quddiemu wara ġimgħa.~~

~~Jaħseb u jaħseb, fl-aħħar lil Qâdi ġietu f'rasu ħaġa. Bagħat ġieb żiemel miż-żwiemel tiegħu u qegħdu maż-żwiemel ta' wlied ix-Xejħ, u hekk minn sbatax saru tmintax. Meta ġew quddiemu, lill-kbir tah disgħa (nofs it-tmintax); lill-fustani tah sitta (minn kull tlieta, wieħed); u liż-żgħir, tah tnejn (żiemel minn kull disgħa). Issa: disgħa, u sitta, u tnejn, jagħmlu sbatax. Għalhekk kien baqa' żiemel żejjed, li l-Qâdi reġa' bagħtu lejn l-istalla tiegħu minn fejn kien ġiebu biex jagħmel il-ħaqq.~~